**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

# IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 46 – IT-TNEJN, 5 TA' NOVEMBRU 2012 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku (7.20pm) |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 45**

1.1 Kien hemm 3 korrezjonijiet. Fit-3.2 għandha tinbidel "Ġie deċiż li ma jsirux", ma' "Kienx hemm kunsensus li ma jsirux". Fit-3.5 għandha tispiċċa b' "Masġar Patri Leopoldu Tabone". Fil-4.5.1 għandha tiżdied "is-Sindku għandu jieħu parir jekk għandux jieħu azzjoni jew le".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 72**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġie deċiż li tintlaqa' t-talba tal-*Malta Libraries Council* biex il-librerija tibqa' miftuħa l-ġurnata kollha nhar l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru.

3.2 Ġie deċiż li napplikaw għall-*Memo 40/2012* biex nibbenifikaw minn għinuna finanzjarja biex jinxtraw aktar kotba għal-librerija. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Libreriji rigward fondi pendenti għal xiri ta' kotba għall-librerija.

3.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Awtorità tad-Djar għaddiet pagament ta' 71,300 Ewro biex jitħallsu l-ispejjeż għall-proġett ta' Misraħ Awrekarja. Għandha tinbagħat ittra lill- Awtorità tad-Djar rigward it-3,700 pendenti.

3.4 Saret diskussjoni rigward l-istima tax-xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq. Kien hemm qbil unanimu rigward dan ix-xogħol, ħlief dik tal-ħajt fi Triq taż-Żwejt u tal-bankina fi Triq taż-Żwejt. Is-Sur Neville Mallia ppropona li jinbena dan il-ħajt mill-ġdid. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm 2 favur (Neville Mallia, Mikhail Micallef) 5 kontra (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, Violet Bajada, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia) u 1 astensjoni (Rita Saliba). Is-Sur Bonello Du Puis iddikjara li jivvota kontra għax dan il-ħajt huwa privat Is-Sur Mallia nforma lill-Kunsill li s-sid hija armla u ma tistax tibnih hi.

3.5 Ġie deċiż li jsir *dust bin* fi Triq il-Ġiżi, 3 *U bollards* fis-*service road* fi Vjal ir-Riħan u mera ġdida fi Triq Mudest Sapiano.

Is-Sur David Dalli daħal għal-laqgħa fis-7.20pm

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sur Mikhail Micallef staqsa rigward il-*WIFI hotspots* il-ġodda. Ġie nfurmat li għadhom pendenti. Informa lill-Kunsill rigward il-progress tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Hu ppropna li l-Kunsill jipprovdi korsijiet tal-*R U Online*. Ġie deċiż li jsiru bi ħlas ta' 10 Ewro. Ġie deċiż ukoll li jiġu mistiedna l-għaqdiet lokali biex jinnominaw persuna li jattendi għal dan il-kors mingħajr ħlas.

4.2 Is-Sinjura Rita Saliba ppproponiet li jsiru *double yellow lines* fi Triq Saver Zarb u *patching* fi Triq il-Kapuċċini.

4.3 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li ssir il-bankina fi Triq il-Ġiżi. Ġie deċiż li tintalab stima għal-laqgħa li jmiss.

Is-Sinjuri Joan Farrugia, Rita Saliba u Violet Bajada skużaw ruħhom mil-laqgħa (8.20 pm)

4.3.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-ħidma tad-*Day Centre*.

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**